# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Udjenza ta' nhar l-Erbgħa, is-16 ta' Ottubru 2024**

**Każ Nru: 838/2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Shobha Guru (Passaport Indjan Numru: V8685619)**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata u ċioé:

***talli nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) u/jew ġranet u xhur ta'qabel, ġewwa 66, Triq Lapsi, San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin***:

1. *Ikkommettiet serq ta' ġojjellerija u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-***persuna, bil-lok*** *u bil-***valur*** *liema valur tal-oġġetti misruqa ma kienx iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-detriment ta'*

***Adrian Neville Montanaro Gauci*** *u* ***Antonia Montanaro Gauci*** *u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.*

*Artikoli 261(c)(d)(e),267, 268(a), 269(g), 279(a), 280(1) u 281(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. *Xjentement laqgħat għandha ċurkett u ġiżirana, meħuda b'qerq, jew akkwistata b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta meta dawn l-oġġetti ġew minn serq għad-detriment ta'* **Adrian Neville Montanaro Gauci u Antonia Montanaro Gauci** *u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.*

   *Artikolu 334 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

3. *U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, l-imputata li mhux ta' Nazzjonalita' Maltija u li mhux persuna li qed tfittex l-asil jew persuna li maingħatatx l-asil, naqset milli jkollha fil-pussess tagħha dokument għal residenza validu maħruġ skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni jew tal-Att dwar il-Protezzjoni internazzjonali u/jew naqset milli li tħares xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta, jew xi regolamenti magħmula taħthom, jew xi ħtieġa tal-uffiċjal awtorizzat u dan peress li ma kellux fil-pussess tiegħu dokument għal residenza validu maħruġ skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni jew tal-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali;*

   *Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 9 u 24(1) tal-Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta*

Illi l-Qorti ġiet mitluba wkoll tipprovdi għas-sigurta' ta' **Adrian Neville Montanaro Gauci** u **Antonia Montanaro Gauci** u/jew persuni oħra billi toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, hija mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża ai termini tal-Artikolu 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex kemm-il darba ssib ħtija fl-imputata għar-reati relattivi, tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta flimkien ma' kull artikolu ieħor tal-liġi li jiżgura kumpens u/jew restituzzjoni lill-vittmi.

Rat li fis-seduta tal-lum[1], l-imputata għażlet li tirreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha.

Rat li l-istess imputata reġgħet ammettiet l-istess imputazzjonijiet wara li ngħatat żmien xieraq sabiex terġa tikkonsulta mal-avukat difensur tagħha[2].

Rat id-dokumentazzjoni eżebita mill-prosekuzzjoni.

Rat ir-rikors konġunt magħmul mill-prosekuzzjoni u d-difiża, ai termini tal-artikolu 392A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn talbu li l-Qorti timponi piena ta' ħdax-il xahar priġunerija effettiva.

---

[1] Verbal jibda a fol 5 tal-proċess.

[2] B'hekk ġie segwit dak li jrid l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan wieħed huwa mistieden jara dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **The Police (Insp. Jonathan Ransley) vs Jianlin Shen**, (App Nru: 44/2022) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar il-10 ta' Ġunju 2022.

Rat l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidrat**

**1) Fatti u ammissjoni**

Illi l-fatti ta' dan il-każ jemerġu ċar mid-dokumentazzjoni eżebita u b'hekk ma hemmx ħtieġa ta' ripetizzjoni tal-istess.

Illi l-imputata għażlet li tammetti l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha, liema ammissjoni hija għażlet li terġa ttenni wara li l-Qorti wisset lill-istess imputata b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u wara li ngħatat biżżejjed żmien sabiex treġġa lura minnha.

Illi kkunsidrat dan[3], il-Qorti qiegħda ssib lill-imputata ħatja tal-akkużi dedotti fil-konfront tagħha.

**2) Piena**

[3] Dwar l-effetti tal-ammissjoni fil-kamp penali, wieħed huwa mistieden jara dak awtorevolment deċiż fis-sentenza ċelebri fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs George Cassar Desain</u>**, mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar is-27 ta' Ottubru 1962. B'żieda ma dik is-sentenza klassika, wieħed huwa mistieden jara dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Andre Falzon,</u>** (App Nru: 385/2015) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) mogħtija nhar id-19 ta' Novembru 2015 u dik fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Godfrey Formosa,</u>** (App Nru: 99/2017) mogħtija wkoll mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar is-26 ta' Ottubru 2017.

Illi kif diġa ġie senjalat, il-prosekuzzjoni u d-difiża talbu, permezz ta' rikors skond il-liġi, li din il-Qorti timponi sentenza ta' ħdax-il xahar priġunerija effettiva. Din il-Qorti infurmat lill-imputata li kienet disposta taċċetta l-istess piena f'każ ta' ħtija.

Illi wara li rat li dak mitlub fir-rikors konġunt jaqa' fil-parametri tal-liġi u li l-imputata ammettiet ma l-ewwel opportunità, u li l-oġġetti misruqa ġew irritornati, tqis li għandha tilqa' t-talba hemm magħmula u dan kif irid l-artikolu 392A(7) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi b'hekk il-Qorti qiegħda ssib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tagħha.

**3) Konklużjoni**

Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 261(c)(d)(e), 267, 268(a), 269(g), 279(a), 280(1), 281(b) u 334 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikoli 9 u 24(1) tal-Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda ssib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tagħha u konsegwentement tikkundannaha għal piena ta' ħdax-il xahar priġunerija effettiva, li minnu għandu jitnaqqas il-perjodu li l-ħatja għamlet taħt arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-proċediment.

Illi l-Qorti ma tqisx li f'dan il-każ hemm lok għal ħruġ ta' ordnijiet msemmija fl-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti tqis ukoll li ma hemmx lok għall-ordni taħt l-artikoli 15A u 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ġaladarba l-Prosekuzzjoni verbalizzat li l-oġġetti misruqa ġew ritornati.

Illi l-Qorti qiegħda wkoll tastjeni milli tqis it-talba a tenur tal-artikoli 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress li ma ngħataliex għarfien dwar l-istess.

Il-Qorti finalment tordna, fi kliem l-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol m'illum, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur